# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2025**

**Numru: 1**

**Rikors Numru: 11/2020/3 BS**

**Z1**

**v.**

**Z2**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija nhar il-31 ta' Jannar, 2025 fejn ġiet miċħuda talba għall-waqfien tal-ħlas ta' manteniment ordnat b'sentenza tal-istess Qorti tal-24 ta' Lulju, 2009, wara li qieset illi l-attur ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement bdil fiċ-ċirkostanzi skont l-**Artikolu 54(9) tal-Kodiċi Ċivili**.

## Preliminari

2. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti), Z1 (l-Attur) ippremetta s-segwenti:

> «Premess illi b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Lulju 2009, fil-kawża bejn l-istess partijiet (Rikors Guramentat numru 18/2006/AE), ġiet dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;
>
> Premess illi bl-imsemmija sentenza l-attur kien ġie ordnat jissomministra lill-intimata s-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar fi ħlas ta' manteniment għaliha u s-somma ta' erba' mija u ħamsa u sittin ewro (€465) fix-xahar fi ħlas ta' manteniment għal binthom Julia li jawmenta ruħu kull sena skont l-għoli fl-indiċi ta' inflazzjoni flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa tal-minuri u l-ispejjeż tal-privat u tal-lezzjonijiet tal-ballet u tal-pjanu tal-istess minuri;
>
> Premess illi fi żmien li ġiet deċiża l-kawża, l-esponenti kien jaħdem bħala konsulent fil-kirurġija ġenerali fi sptar fir-Renju Unit u kellu dħul tajjeb. Illum l-attur irtira mix-xogħol bl-età u d-dħul tiegħu naqaslu drastikament, u preżentement għandu bħala dħul il-pensjoni tal-età biss;
>
> Premess illi l-intimata hi beautician professjonali u minbarra li hi kwalifikata biex tgħallem is-sengħa u professjoni tagħha kif tagħmel, hi għandha wkoll in-negozju privat tagħha u għandha s-salon tagħha fi Triq Il-Belliegħa, Rabat, Għawdex, maghrufa bl-isem tà 'Blissful Beauty',........................ Mis-salon tagħha hi tbiegħ ukoll prodotti speċjalizzati ta' ditti rinomati;
>
> Premess illi l-intimata hi wkoll pittrċi professjonali tal-arti kontemporanja u għandha l-istudju privat tagħha. Taħdem xogħol ta' arti li jiġi kommissjonat lilha minn dilettanti tal-arti u ta' spiss ittella' wirjiet u esibizzjonijiet ta' xogħol ta' arti u kollezzjonijiet privati tagħha ta' pittura minn fejn tbiegħ dan ix-xogħol artistiku tagħha wkoll;
>
> Premess ukoll illi l-intimata tagħmel xogħol privat ta' konsulenza u assistenza terapewtika fuq bażi professjonali u hi waħda mid-diriġenti tal-kumpannija Hoffmann Medical Consulting and Coaching fix-Xewkija li toffri servizzi ta' terapija u fejqan lill-persuni li jkunu tossico dipendenti u/jew bi problemi ta' xorb jew vizzji oħra;
>
> Premess illi fi żmien li ġiet deċiża l-kawża, binthom Z3 imwielda fil-5 ta' Ġunju 2001, kienet għadha minorenni, illum saret maġġorenni u kompliet

bl-istudji tagħha f'Malta fl-edukazzjoni terzjarja u għandha stipendju fix-xahar kif ukoll tirċievi għajnuna ta' ħlas mill-gvern għat-trasport u għall-akkomodazzjoni tagħha f'Malta. Illum m'għadhiex aktar dipendenti fuq l-intimata kif kienet qabel, u l-intimata għandha aktar ħin għax-xogħol tagħha stante li m'għadx fadal aktar dak l-ixkiel mix-xogħol professjonali tagħha minħabba t-trobbija ta' din binthom;

Premess illi minn meta ġiet deċiża l-kawża sal-lum iċ-ċirkostanzi għall-partijiet inbidlu drastikament u radikalment u l-qagħda finanzjarja tagħhom ma baqgħetx l-istess: filwaqt li d-dħul għall-intimata żdied sostanzjalment, id-dħul tal-attur naqas drastikament u għandu pensjoni baxxa, u kemm-il darba jibqa' mghobbi bl-obbligu tal-ħlas tal-manteniment kif kienet ordnatlu l-Qorti li jħallas, fiċ-ċirkostanzi attwali huwa sa jsofri preġudizzju serju;

Illi fiċ-ċirkostanzi hemm lok li filwaqt li l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment lill-intimat għandu jispiċċa għalkollox, l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment għal bintu jiġi rivedut u jiġi mnaqqas proporzjonalment b'kemm naqaslu d-dħul tiegħu minn dak li kellu qabel jew b'somma verjuri li tkun tirrifletti d-dħul li għandu llum;

Illi wara l-medjazzjoni falliet, l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi b'din il-kawża b'digriet tas-7 ta' Frar 2020;»

3. L-attur għalhekk għadda sabiex ressaq dawn it-talbiet:

«1. B'applikazzjoni tal-**Artikoli 21** u **54(9) tal-Kodiċi Ċivili**, tvarja l-ordni mogħtija fis-sentenza tal-24 tà Lulju 2009, fil-kawża bejn l-istess partijiet fl-ismijiet ***Z2 vs Z1*** (Rikors Ġuramentat numru 18/2006) billi tittermina l-obbligu tal-attur li jibqa' jħallas il-manteniment li kien ġie ffissat lill-konvenuta u teżonerah mill-obbligu ta' kull ħlas ta' manteniment lejn l-intimata;

2. B'applikazzjoni tal-**Artikolu 54(9) tal-Kodiċi Ċivili**, tvarja wkoll l-ordni mogħtija fl-istess sentenza fir-rigward tal-obbligu tal-ħlas tal-manteniment ta' bintu Z3 billi tirriduċi l-ammont li kien ġie ffissat lilha b'somma proporzjonali għal kemm naqaslu d-dħul tiegħu minn dak li kellu qabel jew b'somma verjuri li tkun tirrifletti d-dħul li għandu llum.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti inklużi tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 708/2019.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa hi mħarrka.»

4. B'<u>risposta ġuramentata</u> tat-<u>3 ta' Ġunju, 2020</u> Z2 (il-Konvenuta) laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

«1. Illi ma jeżistux l-estremi la legali u lanqas fattwali, rikjesti mil-liġi għal reviżjoni tal-manteniment dovut mill-attur kemm għal martu kif ukoll għal bintu u għalhekk il-manteniment kif stabbilit bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Lulju 2009 għandu jissussisti.

2. Illi din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Z2 li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»

5. B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2025 l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

**«i. Tiċħad l-ewwel (1) talba attriċi, u;**

**ii. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) talba attriċi stante l-irtirar tagħha mill-attur permezz tar-rikors tiegħu tal-5 ta' Awwissu, 2024 in atti a fol 968 tal-proċess.**

**Bl-ispejjeż ta din il-kawża a karigu ta' l-attur.«**

6. Ir-raġunijiet relevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha huma kif ġej:

«Kjarament, din il-Qorti mhijiex mitluba tissindika ir-raġunijiet il-għaliex Z1, ivi attur, ġie, bid-deċiżjoni tal-24 ta' Lulju, 2009 mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, ordnat iħallas manteniment kemm lill-eks martu, ivi konvenuta Z2 née omissis, kif ukoll lil bintu Z3. Ġiet biss mitluba sabiex tenut kont tal-allegat bdil fiċ-ċirkostanzi kemm ta' Z1 kif ukoll ta' Z2 née omissis, allegazzjoni li saret minn Z1, tittermina l-obbligu tal-istess Z1 li jħallas il-manteniment lill Z2 née omissis.

Għaldaqstant, din il-Qorti hija limitata fl-inkarigu tagħha li tħares biss lejn dawk iċ-ċirkostanzi li, ai termini tal-**Artikolu 54(9) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta**, jistgħu jwassluha tagħti tali ordni.

Huwa hawnhekk rilevanti li ssir parentesi dwar l-**Artikolu 21 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta**, li ġie wkoll iċċitat fl-ewwel talba tal-attur.

Tali artikolu ġie ċċitat mill-attur bħala bażi ulterjuri l-għaliex huwa jista' jitlob it-twaqqif tal-manteniment talvolta ordnat li jithallas minnu lill dik li kienet martu, il-konvenuta Z2 née omissis.

B'dan iżda li tali artikolu jinsab fis-sezzjoni tal-**Kodiċi Ċivili** nostran relattiva ghal-axxendenti, dixxendenti u aħwa – l-**Ewwel Ktieb, Titolu I, Sub-Titolu II, tal-Kap. 16**.

F'dan il-każ fejn il-manteniment inkwistjoni li tiegħu qed tintalab ir-reviżjoni huwa dovut versu dik li kienet il-mara tal-attur, allura mhijiex la axxendent, la dixxendent, u anqas oħt, hija l-fehma ta' din il-Qorti li tali artikolu ma' jsibx applikazzjoni għall-każ odjern.

[...]

Fil-każ odjern, l-attur qiegħed jitlob it-twaqqif ta' l-obbligu tiegħu għall-ħlas tal-manteniment lill-konvenuta għaliex skontu nbiddlu iċ-ċirkostanzi kemm tiegħu, billi jgħid li issa li ħareġ bil-pensjoni d-dħul tiegħu naqas drastikament, kif ukoll tagħha, fejn skontu għandha ħiliet kbar u tista', jekk mhux diġà qiegħda, tagħmel qligħ li addirittura jeċċedi dak kurrenti tiegħu.

L-attur iżid jgħid li attwalment, sabiex iħallas il-manteniment ordnat minnu favur il-konvenuta, huwa qiegħed inaqqar mit-tfaddil tiegħu, in vista li l-infiq tiegħu inkluż il-manteniment tal-konvenuta jeċċedi d-dħul kurrenti tiegħu li skontu huwa limitat għal-pensjoni li jirċievi minn Malta u oħra li jirċievi mill-Islovakkja.

Din il-Qorti mhijiex iżda konvinta minn dan.

Sabiex jipprova din it-teżi tiegħu l-attur iressaq provi limitati u konfliġġenti dwar dak li qiegħed diġà jipperċepixxi bħala pensjoni.

Fil-fatt, filwaqt li f'diversi stadji fil-bidu tal-ġbir tal-provi tiegħu jgħid li huwa jipperċepixxi biss EUR 300 fix-xahar f'pensjoni mill-Islovakkja;  aktar tard din iċ-ċifra togħla għal EUR 600 fix-xahar. B'dan li jekk wieħed jgħodd l-pensjoni li l-attur kurrentement jirċievi minn Malta ma' dik ta' EUR 300 fix-xahar li oriġinarjament l-attur kien jinsisti li jirċievi mill-Islovakkja jasal fil-fatt għal-valur ta' EUR 300 fix-xahar + EUR 80.50 fil-ġimgħa, ossia 300 + [circa] 322 allura EUR 622 fix-xahar bħala total.

Dan mingħajr xejn ma' jingħad li dwar pensjoni li l-attur jista', jekk mhux addirittura diġà beda, jipperċepixxi mill-Ingilterra fejn ukoll ħadem u ħallas diversi kontribuzzjonijiet soċjali ma' tressqu ebda provi.

Fil-fatt, dwar l-Ingilterra l-attur kien ferm evażiv sa fejn ma ddikjarax apertament li ma jirċievi ebda pensjoni bi ftit wara jgħid iżda li huwa s'issa li m'hu jirċievi ebda pensjoni mill-Ingilterra.

Din il-Qorti ssib id-dikjarazzjoni ta' l-attur li m'hu jirċievi xejn bħala pensjoni mill-Ingilterra bħala pjuttost inverosimili jekk mhux addirittura impossibbli tenut kont anke tax-xhieda mogħtija mill-Avv. Dr. Sean Apap Meli in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ta' Malta li ddeskriva ben ċar il-proċedura f'każ ta' applikant għal-pensjoni li jkun ħallas kontribuzzjonijiet f'aktar minn pajjiż wieħed.

L-imsemmi xhud Apap Meli hawn xehed u kkonferma għal diversi drabi li f'tali każijiet id-dipartiment tiegħu f'Malta u dipartimenti ekwivalenti għalih kull fejn applikant għal-pensjoni jkun ħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali jikkomunikaw ma' xulxin tramite formula appożita magħrufa bħala E205, kopja ta' liema fir-rigward tal-attur kemm mill-Islovakkja kif ukoll mill-Ingilterra ġew esibiti in atti.

Bl-istess formula, tinġabar l-informazzjoni meħtieġa sabiex, fl-ewwel lok, jiġi konkluż jekk l-applikant ikunx ħallas biżżejjed kontribuzzjonijiet soċjali sabiex jikkwalifika għal-pensjoni u, fit-tieni lok, sabiex iseħħ l-apporzjonament ta' kif it-total tal-pensjoni dovuta lilu titħallas bejn kull pajjiż, fil-proporzjon opportun, skont il-pagamenti ta' kontribuzzjonijiet soċjali li jkun għamel.

Huwa għalhekk ċar li anke jekk sa l-istadju tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni l-attur kien qiegħed jipperċepixxi biss pensjoni minn Malta u oħra mill-Islovakkja, kif jammetti li jipperċepixxi huwa stess, jonqos li f'xi waqt jipperċepixxi wkoll porzjon ulterjuri ta' pensjoni sabiex jiġi sanat it-total dovut lilu, u dan mill-Ingilterra.

Jirriżulta fil-fatt li fl-istadju tal-ġbir tal-provi f'dawn il-proċeduri l-attur jista' jkun li kien għadu mhuwiex jipperċepixxi r-rimanenti porzjon tal-pensjoni talvolta dovuta lilu; dik li għandha titħallas mill-Ingilterra. Minkejja dan, b'affidavit tiegħu esibit nhar il-25 ta' Novembru, 2021, l-attur nnifsu juri li huwa ser jipperċepixxi xi forma ta' pensjoni ulterjuri mill-Ingilterra u, filwaqt li jindika ċifra ta' kemm allegatament ser tkun l-istess u kif tista' – jew m'hijiex – ser tiżdied l-istess matul iż-żminijiet; l-attur jonqos milli jressaq imqar dokument oriġinal jew verifikat bħala prova dwar dan u jressaq biss kopja ta' preżunta ittra datata is-16 ta' Novembru, 2021 u ricevuta minnu mid-Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet ġewwa l-Ingilterra.

Dan stante li kif tajjeb spjega ix-xhud Avv. Dr. Sean Apap Meli; kull pajjiż japplika r-regoli tiegħu dwar meta titħallas il-pensjoni, b'dan li: filwaqt li f'Malta l-età tal-irtirar hija ta' 63 għal kull minn twieled bejn is-snin 1956 u 1958, u fl-Islovakkja hija ta' 62 sena u 6 xhur għall-persuna li bħal l-attur twieldet fl-1957, li fil-fatt twieled fid-29 ta' Awwissu, 1957; filwaqt li ma' nġiebet ebda prova rilevanti; jidher li fl-Ingilterra din hija ta' 65 jekk mhux 67 sena. Età li f'kull każ sal-lum l-attur laħaq.

Dwar imbagħad il-bdil fiċ-ċirkostanzi tal-konvenuta, l-attur jallega li l-istess għandha qligħ sostanzjali minn klinika estetika tagħha, mit-talent tal-arti li għandha, kif ukoll minn xogħlijiet varji li jgħid li tagħmel ma' terzi

bħal f'ħanut magħruf bl-isem 'Filigrano' sitwat fi pjazza t-Tokk, ir-Rabat, Għawdex, organizzazzjoni li tgħin persuni tossiċi dipendenti mmexxija min ċertu Hans Hoffman li xehed ukoll f'dawn il-proċeduri, u mal-Minsiteru għall-Edukazzjoni fejn skontu hija ngaġġata bħala għalliema.

B'dan iżda li l-unika prova dwar dan li ressaq l-attur huwa dokument li juri l-istorja lavorattiva tal-konvenuta maħruġ mill-entità JobsPlus li jindika li l-konvenuta, wara z-żwieġ tagħha mal-attur fil-15 ta' Jannar, 2000, data li tirriżulta wkoll mid-deċiżjoni ta' separazzjoni personali tal-24 ta' Lulju, 2009, kienet taħdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni fuq kuntratti ta' sena, kif fil-fatt anke xehed f'dawn il-proċeduri x-xhud Mario Azzopardi in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Tali kuntratti kienu viġenti anke tul l-proċeduri ta' separazzjoni. Dan billi tali impjieg beda f'Jannar, 2006 u ġie terminat f'Diċembru, 2012 meta l-proċeduri ta' separazzjoni personali nbdew fl-2006 u ġew terminati fl-2009. Oltre għal dan, l-istess dokument juri li l-konvenuta bdiet l-impieg privat tagħha ta' estetista f'Awwissu, 2015, u, skont dejjem l-istess dokument, sal-lum għadha tħaddan biss tali mpjieg privat.

Dwar l-allegazzjoni li l-konvenuta kienet taħdem fil-ħanut 'Filigrano' l-attur esibixxa biss ritratt li juri lill-konvenuta barra mill-istess ħanut.

Dan ir-ritratt waħdu ma jammontax għal prova li l-konvenuta hija jew kienet impjegata f'tali ħanut tant kemm juri li f'xi waqt instabet barra mill-istess ħanut. Dan jingħad partikolarment meta bl-istess mod li l-attur ressaq lill Hans Hoffman jixhed dwar l-involviment tal-konvenuta fl-organizzazzjoni tiegħu; l-attur seta' faċilment ressaq lid-diriġenti jew sidien tal-ħanut 'Filigrano' iżda għażel li dan ma' jagħmlux.

Dwar l-allegat impjieg tal-konvenuta ma' l-organizzazzjoni tal-istess Hans Hoffman, l-attur ressaq print-outs mill-websajt tal-istess organizzazzjoni li juru lill-konvenuta bħala ngaġġata mill-istess organizzazzjoni fil-pożizzjoni ta' addiction case manager.

Kemm Hoffman kif ukoll il-konvenuta stess kienu iżda konsistenti u korraborattivi f'li xehdu li l-ingaġġ tal-konvenuta kien biss fuq bażi volontarju u din il-Qorti ma ssibx li f'dan ir-rigward ġie pruvat li l-konvenuta kienet tassew taħdem bi qligħ mal-organizzazzjoni tas-Sur Hoffman.

Dwar imbagħad l-introjtu li l-attur jallega li l-konvenuta tippercepixxi mit-talent artistiku tagħha; huwa ċar għal din il-Qorti li talent artistiku, sakemm ma' jkunx fuq livell eżorbitanti fejn artist ikun ta' fama mondjali, mhuwiex tali, speċjalment f'dawn il-gżejjer żgħar tagħna, li jwassal sabiex hekk imsejjaħ artist jipperċepixxi dħul tali li jista' jgħix minnu waħdu.

Dan kollu oltre għal fatt li r-rendikonti bankarji relattivi għal-kontijiet bankarji tal-konvenuta miġjuba in atti m'humiex indikattivi ta' xi eżistenza benestanti fir-rigward tal-konvenuta.

Ix-xogħol imbagħad ta' estetista tal-konvenuta kien diġà ġie ben kunsidrat fid-deċiżjoni ta' separazzjoni personali mogħtija bejn il-partijiet kontendenti fl-24 ta' Lulju, 2009. L-istess huwa wkoll għall-każ għall-benefiċċji li l-konvenuta setgħet pperċepiet mill-Istat Malti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur ma rnexxilux iġib prova li tali xogħol ta' estetista tal-attriċi mar tant il-quddiem mid-data tad-deċiżjoni ta' separazzjoni personali 'l quddiem li dan jista' jwassal għal-bdil fiċ-ċirkostanzi tagħha.

Dan mhux biss billi l-konvenuta tinsisti li tali xogħol tagħha mar lura b'riżultat ta' kwistjoni ta' saħħa tagħha u tal-fatt li għal tul ta' żmien kellha ddur bil-ġenituri konvalexxenti tagħha. Iżda aktar minn hekk b'riżultat tal-fatt li la l-attur u anqas kwalunkwe xhieda li ressaq f'dan ir-rigward ma rnexxilhom jippruvaw għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti xi ameljorament fid-dħul tal-konvenuta minn dan ix-xogħol tagħha kif jallega l-attur billi anqas setgħu jikkonfermaw kemm klijenti setgħa kellha u kull meta l-istess kienu jattendu l-klinika tagħha u wisq anqas ġabu prova ta' xi dħul dikjarat minnha fir-rigward bħal, ngħidu aħna, permezz ta' rappreżentanti tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Huwa għaldaqstant li filwaqt li din il-Qorti tqies li ebda bdil fil-mezzi jew ċirkostanzi li jikkwalifika sabiex jiskattaw l-effetti tal-**Artikolu 54(9)** ma' nstab fir-rigward tal-konvenuta; fir-rigward tal-attur ma tressqux provi konsistenti u finali dwar il-pensjoni talvolta proprjament perċepita minnu sabiex din il-Qorti tkun tista' tassew u validament tqis kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi jew il-mezzi tiegħu tali li jiskattaw l-effetti tal-**Artikolu 54(9)** b'dik il-porzjon tal-pensjoni li l-attur huwa jew sejjer talvolta jkun intitolat għalija mill-Ingilterra hija għalkollox nieqsa minn xi prova fl-atti ta' din il-vertenza."

7. L-attur (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellant) appella <u>b'rikors</u> intavolat fis-<u>26 ta' Frar, 2025</u> li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnu miġjuba, talab lil din il-Qorti «*tirrevoka s-sentenza appellata tal-31 ta' Jannar 2025 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja billi prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-konvenuta, tgħaddi biex tilqa' t-talba tal-attur appellant, bl-ispejjeż taż-*

*żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.»* Mar-rikors tal-appell ġew ippreżentati żewġ dokumenti.

8. Il-konvenuta (minn issa 'l quddiem ukoll l-Appellata) ressqet ir-risposta tagħha fil-25 ta' Marzu, 2025, tagħti r-raġunijiet għaliex l-appell interpost mill-attur għandu jiġi miċħud.

9. B'rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju, 2025 l-appellant irrefera għaż-żewġ dokumenti li annetta mar-rikors tal-appell u talab lil din il-Qorti "*tawtorizza dawn id-dokumenti fl-atti għar-raġunijiet imsemmija fl-**Artikolu 150(1)(b)(d) tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta***" wara li ppremetta li dawn id-dokumenti ġew għall-ewwel darba f'idejh wara li l-kawża kienet ġa mħollija għas-sentenza. B'risposta tad-19 ta' Mejju, 2025 l-appellata opponiet.

10. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

11. L-appellant jattakka s-sentenza appellata bl-aggravju prinċipali tiegħu ikun li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Jiċċita ġurisprudenza li żżomm li għalkemm il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi li tkun għamlet qorti tal-ewwel grad, fl-istess ħin, il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u s-setgħa li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha jkun żbaljat.

12. Isemmi kif fiż-żmien li ingħatat is-sentenza tas-separazzjoni personali fis-sena 2009, iċ-ċirkostanzi kienu ferm differenti. Bint il-partijiet kien għad għandha tmien (8) snin. Jgħid li dak iż-żmien bħala konsulent fil-kirurġija ġenerali fir-Renju Unit kellu dħul nett ta' £35,096 fis-sena filwaqt li llum huwa pensjonant bl-età u jirċievi tliet pensjonijiet, minn Malta, Slovakkja u r-Renju Unit li skont l-appellant flimkien jammontaw għal anqas mill-paga minima nazzjonali f'Malta. Jgħid li huwa rtira fl-età ta' 63 sena f'Awwissu 2020 u li għall-ewwel erba' snin kien qed jgħaddi bil-pensjoni minn Malta u Slovakkja biss peress li ma kienx għadu jikkwalifika għall-pensjoni tal-irtirar ġewwa r-Renju Unit. Jgħid li kien fi Frar 2024 li kkwalifika wkoll għall-pensjoni tal-irtirar mir-Renju Unit li tammonta għal circa £512 fix-xahar, filwaqt li l-pensjoni minn Malta u mis-Slovakkja flimkien jammontaw għal circa £622 fix-xahar. Isemmi kif fis-sena 2009 il-konvenuta kellha 32 sena filwaqt li meta ġiet intavolata din il-kawża kellha 43 sena u li għalhekk baqagħlha 22 sena oħra qabel tilħaq

l-età pensjonabbli. Jgħid illi sakemm kienu qed jinġabru l-provi quddiem l-Ewwel Qorti huwa għadu qed jirċievi pensjoni tal-irtirar minn Malta u mis-Slovakkja biss, "filwaqt li mir-Renju Unit, l-esponent ma kien għadu beda jirċievi xejn sa meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2024". Isemmi kif ir-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Siġurtà Soċjali kien ikkonferma li fir-Renju Unit il-pensjoni tal-irtirar hija pagabbli mal-għeluq ta' 66 sena.

13. Jikkritika s-sentenza appellata għaliex jgħid li filwaqt li huwa wera li kienu nbiddlu ċ-ċirkostanzi meta issa l-konvenuta m'għadhiex marbuta bit-trobbija ta' bintha minuri u għandha l-ħin kollu disponibbli għall-ħajja lavorattiva; huwa fil-frattemp laħaq l-età tal-irtirar u l-introjtu tiegħu huwa biss il-pensjonijiet tal-irtirar. Jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta minkejja t-tibdil fiċ-ċirkostanzi li huwa jsemmi l-Ewwel Qorti xorta waħda ċaħditlu t-talba sabiex il-manteniment ta' €200 fix-xahar pagabbli lill-konvenuta jieqaf.

14. Iżid jikkritika s-sentenza appellata fejn fiha jingħad li dwar x'pensjoni kellu fir-Renju Unit huwa kien "evażiv". Jinsisti illi "Jekk sa meta l-kawża kienet maturata għas-sentenza, l-attur ma kien għadu beda jirċievi xejn bħala pensjoni mir-Renju Unit, l-attur ma seta' jgħid xejn li kellu dħul minn hemm għaliex fir-realtà sa meta l-kawża marret għas-sentenza, huwa kellu biss pensjoni mis-Slovakkja u minn Malta".

15. Jagħmel referenza għal dokument li huwa annetta mar-rikors tal-appell tiegħu, dokument rilaxxat mid-Dipartment for Work & Pensions (DWP) tar-Renju Unit fit-2 ta' Frar, 2024. Annetta wkoll kopja ta' *statement* tal-bank sabiex juri fejn qed tiġi depożitata l-pensjoni tal-irtirar tiegħu mir-Renju Unit.

16. Jgħid illi meta irtira bl-età f'Awwissu 2020 id-dħul tiegħu naqas sewwa bi tliet kwarti ta' kemm kien id-dħul tiegħu qabel. Jinsisti illi jinsab f'sitwazzjoni fejn ma jistax jibqa' jagħti l-manteniment lill-konvenuta meta d-dħul tiegħu llum niżel għal €622 kull erba' ġimgħat meta l-paga minima nazzjonali hija ta' €887,12 kull erba' ġimgħat.

17. Jissottometti illi fil-każ li għandna quddiemna hemm l-element ta' bdil fiċ-ċirkostanzi kif ukoll ta' impossibbiltà. Isemmi illi b'mod ġenerali l-ġurisprudenza hija aktar propensa li tvarja l-manteniment jew tneħħih minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi meta l-manteniment ikun ġie likwidat u ordnat b'sentenza ta' qorti milli *ex contractu*. Iżid jgħid illi huwa wera lill-Ewwel Qorti li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tiegħu li ġabuh fl-impossibbiltà li jibqa' marbut bis-sentenza tal-2009 li stabbiliet il-manteniment favur il-konvenuta fis-somma ta' €200 fix-xahar.

18. Jissottometti illi fis-sentenza tal-24 ta' Lulju, 2009 il-Qorti tal-ewwel grad kienet stabbiliet manteniment favur il-konvenuta fis-somma ta' €200 fix-xahar wara li ħadet inkonsiderazzjoni li dak iż-żmien il-konvenuta kienet qed trabbi bint il-partijiet li kienet għadha żgħira ħafna. Jirrimarka illi dik il-Qorti xorta dehrilha li l-konvenuta setgħet xorta waħda tiddedika numru ta' sigħat fil-ġimgħa għal xogħol bi qligħ. Jgħid li għalhekk dik il-Qorti kienet emmnet li l-konvenuta għandha l-kwalifiki meħtieġa sabiex meta tieqaf trabbi jkollha dħul li bih tmantni lilha nnifisha. Iżid jgħid li l-qorti fis-sentenza tagħha tal-2009 "ipprevediet meta għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li għad jasal żmien li ċ-ċirkostanzi jinbidlu għaż-żewġ partijiet, binthom tikber, il-konvenuta tieqaf trabbi, u l-attur (allura konvenut) jixjieħ u jirtira bl-età." Dwar ir-raġuni miġjuba mill-konvenuta bħala impediment fil-kapaċità lavorattiva tagħha, uġigħ f'daharha, l-appellant jgħid li din ma hi xejn ħlief skuża u asserzjoni kapriċċuża "biex tibqa' tkun ta' piż finanzjarju għall-attur". Iżid illi ċ-ċertifikat mediku esebit mal-affidavit tagħha ma ġie bl-ebda mod ikkonfermat bil-ġurament mit-tabib li ħarġu u li l-konvenuta baqgħet ma sejħitx lit-tabib sabiex jixhed.

19. Dwar ix-xhieda tal-konvenuta li m'għandhiex dħul biżżejjed mill-*beauty salon* li tiġġestixxi, l-appellant jgħid li tali asserzjoni m'għandhiex mis-sewwa meta wieħed jikkunsidra d-domanda għal tali servizzi. Jgħid li lanqas hija kredibbli x-xhieda li l-konvenuta tagħti b'xejn is-servizzi professjonali tagħha fiċ-ċentru mmexxi minn Hans Hoffman bħalma

lanqas hija kredibbli l-allegazzjoni tagħha li mix-xogħlijiet ta' pitturi tagħha m'għandha l-ebda dħul meta jiġi kkunsidrat li f'wirja waħda biss miżmuma f'Settembru/Ottubru 2022 tax-xogħlijiet tal-arti tagħha l-valur komplessiv tax-xogħlijiet tal-arti kien ta' erbgħa u għoxrin elf ewro (€24,000). Jikkontesta l-pretensjoni tal-appellata li ma teżisti l-ebda vakanza ta' impieg fil-qasam li tispeċjalizza fih.

20. Il-<u>konvenuta appellata tikkontesta dan l-appell.</u> Tibda billi tgħid illi l-Ewwel Qorti għarblet sewwa l-provi kollha li tressqu quddiemha fejn irriżultalha li l-attur ma ressaq ebda prova ċara, gravi u inekwivoka dwar tibdil fiċ-ċirkostanzi ta' dħul tiegħu u ta' awment fid-dħul tal-konvenuta. Issemmi li l-provi tal-attur kienu skarsi u kunfliġġenti anke dwar l-allegat dħul tal-attur.

21. Tgħid li l-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar il-pensjoni tiegħu mir-Renju Unit. Dwar l-inkartament li l-appellant annetta mar-rikors tal-appell tissottometti illi proċeduralment dawn huma inammissibli. Titlob għalhekk li dawn id-dokumenti jiġu sfilzati.

22. Tirreferi għall-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li huwa inverosimili, jekk mhux ukoll impossibbli, li l-attur ma kien qed jirċievi l-ebda pensjoni mir-Renju Unit u żżid tgħid illi "huwa inverosimili wkoll li l-appellant, **li jgħix l-Ingilterra**, jgħix bil-pensjonijiet biss". Targumenta li m'għandhiex

mis-sewwa l-pretensjoni tal-appellant, kirurgu konsulent veteran, li jirrisjedi ġewwa l-Ingilterra bid-dħul biss mill-pensjoni, kif ukoll targumenta li ma jitwemminx l-appellant li ma għandu l-ebda dħul ieħor meta fl-atti hemm prova li jagħti l-lezzjonijiet *online*. Tgħid ukoll li ma titwemminx l-asserzjoni tal-attur illi m'għandu l-ebda dħul ieħor iġġenerat minn investimenti u flus imfaddla meta skont l-appellata, l-appellant ammetta l-eżistenza ta' tali tfaddil. Tgħid li tali tfaddil ġie ammess mill-istess appellant meta qal li wara li irtira mix-xogħol kien kostrett inaqqar mit-tfaddil tiegħu sabiex iħallas il-manteniment skont is-sentenza tal-2009. Tissottometti illi sewwa kkonkludiet l-Ewwel Qorti li l-provi tal-appellant kienu skarsi, inkonsistenti u nieqsa meta kkunsidrat li l-appellant naqas milli jressaq provi dwar l-allegazzjoni tiegħu li sabiex ħallas il-manteniment kien qed jiekol mit-tfaddil tiegħu.

23. Dwar id-dħul tagħha, l-appellata tgħid illi meta ngħatat is-sentenza lura fis-sena 2009, ix-xogħlijiet/delizzji tagħha u ċjoè ħanut tagħha bħala *beauty therapist*, bejgħ minn xogħlijiet tagħha ta' arti, *trained addiction manager* u *teacher/adult educator*, kienu diġà hemm u l-qorti kienet ħadet konjizzjoni tagħhom meta ppronunzjat is-sentenza tagħha. Issemmi li hija xehdet li kellha tnaqqas il-ħidma tagħha minħabba "*back injury*" li maż-żmien marret għall-agħar. Tinsisti li l-attur ma ressaq l-ebda prova li l-konvenuta għandha xi dħul partikolari jew żejjed li permezz tiegħu mmeljorat is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha.

24. Tikkontesta l-asserzjoni tal-appellant illi kien oneru tagħha li tressaq il-prova tal-bżonn tagħha għall-manteniment u li fin-nuqqas ta' tali prova l-manteniment kellu jieqaf. Tgħid li tali asserzjoni m'għandhiex missewwa għaliex skontha ġie ppruvat mhux biss li ma kienx hemm bidla fid-dħul tagħha iżda li kif xehdet quddiem l-Ewwel Qorti "dalwaqt ikollha tmur "tirreġistra għax-xogħol" sew minħabba li naqas ix-xogħol tagħha fis-*salon* kif ukoll minħabba l-kundizzjoni medika tagħha. Tirrileva li kien l-oneru tal-attur li jipprova żieda fid-dħul tagħha, liema prova tgħid li ma ressaqx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

25. Bħala regola ġenerali tad-dritt, sentenzi finali joħolqu stat permanenti bejn il-partijiet. Sentenza finali tissarraf f'ġudikat b'tali mod li l-azzjoni fuq l-istess mertu ma hix ripetibbli bil-konsegwenza li dak deċiż definittivament huwa f'għajnejn il-liġi l-verità, *the truth of the matter, res iudicata pro veritate habetur,* li ma jistax jiġi aktar kontestat ħlief f'każijiet eċċezzjonali taħt l-istitut tar-ritrattazzjoni (ara ***Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et***. - Appell Kummerċjali - 5 ta' Novembru, 1934).

26. Jitqies ukoll li hemm ġudikat mhux biss għal dak li jkun ġie dibattut u deċiż imma wkoll għal dak li seta' jiġi dibattut fil-kawża u ma ġiex

imressaq fl-ewwel kawża għall-kunsiderazzjoni tal-qorti mill-parti li kellha interess tressqu b'sostenn tat-talbiet jew tad-difiża tagħha u ma ressqitux (ara ***Joseph Vella v. Emanuel Falzon*** - Appell Superjuri - 25 ta' Frar, 1997).

27. Eċċezzjoni għall-istitut tal-ġudikat huma s-sentenzi tas-sezzjonijiet tal-familja tal-qrati tagħha dwar il-ħlas ta' manteniment futur.

28. **Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li:

> «(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied,
>
> […]
>
> (4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien
>
> […]
>
> (9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. [...]»

29. In tema legali huwa applikabbli l-pronunzjament fis-sentenza ***Brigitte Vella v. Richard Vella*** mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar, 2015 dwar appell minn sentenza li varjat il-manteniment deċiż preċedentement b'sentenza wkoll tal-Qorti tal-Appell. F'dak l-appell l-appellant argumenta li s-sentenza finali preċedenti tal-Qorti tal-Appell

kellha sservi għall-kumplament tal-ħajja tal-partijiet għaliex kienet provdiet għal żieda perjodika tal-*quantum* ta' manteniment hemm ordnat. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet tali raġunament:

> «*L-ewwel aggravju huwa appuntu dwar il-fatt li l-ewwel Qorti biddlet is-sentenza ġa mogħtija mill-Qorti tal-Appell fir-rigward. Skont l-appellant, is-sentenza msemmija kellha sservi għall-kumplament tal-ħajja tal-partijiet għaliex ipprovdiet fost affarijiet oħra għaż-żieda fil-manteniment skont l-għoli tal-ħajja u anke ddeċidiet li l-attriċi kellu jkollha dritt għall-manteniment indipendentement jekk tkunx impjegata jew le.*
>
> *[…]*
>
> *Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan kollu. Jekk jiġu pruvati bdil fil-mezzi tal-parti li għandha l-obbligu li tħallas il-manteniment jew tal-persuna li għandha dritt tirċevih, tista' ssir talba lill-Qorti għar-reviżjoni u dan joħroġ ċar wisq mill-artikolu msemmi biex iħalli lok għal dubju. Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud. Kif qalet l-ewwel Qorti, kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet li jwasslu anke lil din il-Qorti tikkonkludi li kien hemm bdil fil-mezzi addirittura taż-żewġ partijiet biex il-manteniment jiġi rivedut skont l-Artikolu 54(9).*»

30. Il-kawża li għandna quddiemna hija msejsa fuq l-**Artikolu 54 (9)** fuq ċitat. Tajjeb jingħad li dan l-artikolu ma jagħtix is-setgħa lill-qorti li tħassar is-sentenza finali preċedenti u tisma' mill-ġdid il-mertu li kien quddiem il-qorti preċedentement, imma biss is-setgħa li tirrevedi l-effetti ta' dik is-sentenza, dejjem u unikament skont dak li seħħ **<u>wara</u>** l-għoti tas-sentenza finali preċedenti.

31. Sabiex dak li seħħ wara l-għoti tas-sentenza finali preċedenti jkollu rilevanza għat-talba għal varjazzjoni fil-manteniment, jeħtieġ li tali tibdil ikun jew fil-mezzi ta' min irid iħallas il-manteniment, jew fil-bżonnijiet ta' min qed jirċievi l-manteniment, jew fit-tnejn. Mod ieħor, l-eżerċizzju li trid

tagħmel il-qorti msejħa tiddeċiedi kawża msejsa fuq l-**Artikolu 54 (9)** huwa li aktar milli konsiderazzjoni ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi b'mod ġenerali, jirrikjedi eżami komparattiv dwar kambjamenti li seħħew mis-sentenza finali preċedenti fil-mezzi tal-konjuġi obbligat li jħallas il-manteniment u/jew fil-bżonnijiet u l-mezzi tal-konjuġi bi dritt li tirċievi l-manteniment (ara ***Edward Galea v. Josephine Galea pro et noe*** - Appell Superjuri - 15 ta' Mejju 1998; ***Saviour Zahra v. Maria Antionette Zahra pro et noe*** - Appell Superjuri - 13 ta' Lulju, 2001; ***Francis Enriquez v. Sylvia Enriquez*** - Appell Superjuri - 11 ta' Marzu, 2016).

32. Meta msejħa tiddeċiedi kawża msejsa fuq l-**Artikolu 54 (9) tal-Kodiċi Ċivili** l-qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li l-azzjoni ma tkunx qed taħbi mottiv ta' vessatorjetà b'allegazzjonijiet infondati ta' bdil fiċ-ċirkostanzi. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza *in materia* li manteniment ordnat b'sentenza għandu jitwaqqaf biss f'każijiet eċċezzjonali b'applikazzjoni tal-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur* fejn jinstab li ċ-ċirkostanzi kienu lil hinn mill-kontroll ta' min hu obbligat iħallas il-manteniment liema ċirkostanzi ġodda ma jridux ikunu ġew ipprovokati mill-istess debitur. Jekk persuna b'introjtu minn attività lavorattiva b'obbligu li tħallas manteniment ma tmutx f'qasir il-għomor, il-probabbiltà hi li tilħaq l-età tal-irtirar u tipperċepixxi pensjoni taħt ċerti kundizzjonijiet marbuta mal-ħlasijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. L-għeluq tal-età tal-irtirar, li tista' twassal għal riduzzjoni fid-dħul ta' min jibda

jipperċepixxi pensjoni tal-irtirar minflok salarju, potenzjalment jikkostitwixxi bdil rilevanti taċ-ċirkostanzi li mhux fil-kontroll tad-debitur tal-ħlas ta' manteniment.

33. Fis-sentenza ***Francis Enriquez v. Sylvia Enriquez*** ġiet meqjusa talba għal varjazzjoni tal-manteniment. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-11 ta' Marzu, 2016 sabet li wara s-sentenza li ordnat il-ħlas ta' manteniment, id-dħul tal-konvenuta kien żdied konsiderevolment tul is-snin, tant li ssupera dak tal-attur. Qieset li l-ispejjeż mediċi tagħha m'għandhomx jibqgħu piż fuq l-attur peress li fil-frattemp l-attur ukoll kellu l-ispejjeż mediċi tiegħu, u ħadet ukoll inkonsiderazzjoni li l-konvenuta kienet bdiet tirċievi l-benefiċċju tal-għajnuna għall-mard mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Qieset li l-bdil fiċ-ċirkostanzi kellu jwassal għall-varjazzjoni fl-effetti tas-sentenza preċedenti dwar il-manteniment.

34. L-allegazzjoni ta' bdil fiċ-ċirkostanzi tinħtieġ li tiġi ppruvata bħal kull allegazzjoni oħra fi proċess ġudizzjarju. F'din il-kawża l-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-allegazzjoni li llum id-dħul tiegħu huwa ferm anqas milli kien fis-sena 2009. Jallega wkoll illi kien hemm kambjament fil-bżonn tal-konvenuta għall-manteniment mingħandu għaliex skont l-attur, il-konvenuta għandha dħul sostanzjali minn *beauty salon* li tiġġestixxi kif ukoll minn attivitajiet oħra. Id-difiża tal-konvenuta hi li mhux minnu li hija m'għadx għandha bżonn il-manteniment mingħand l-attur. Issostni li

minħabba kundizzjoni f'daharha, il-ħidma tagħha hija limitata. Ikkontestat ukoll il-pretensjoni tal-attur li kellu tnaqqis drastiku fid-dħul tiegħu anke għaliex allegat li kien għadu jaħdem. Pożizzjonijiet tal-partijiet dijametrikament opposti.

35. Dwar il-pretensjoni tal-attur li mal-għeluq tal-età tal-irtirar kellu tnaqqis sostanzjali fid-dħul tiegħu, l-Ewwel Qorti qieset li l-attur ma ressaqx provi sodisfaċenti dwar id-dħul attwali tiegħu u kkonkludiet li għalkemm esibixxa ittra dwar il-pensjoni li kien ser jibda jirċievi mir-Renju Unit, "l-attur jonqos milli jressaq imqar dokument oriġinali jew verifikat bħala prova dwar dan u jressaq biss kopja ta' preżunta ittra datata s-16 ta' Novembru, 2021 u riċevuta minnu mid-Dipartiment tax-Xogħol u l-Pensjonijiet ġewwa l-Ingilterra" (kopja fotostatika ta' ittra *a fol*. 392).

36. Huwa minnu kif irriteniet l-Ewwel Qorti li dan id-dokument ma fih l-ebda valur probatorju peress li ma hu bl-ebda mod awtentikat. Fi kwalunkwe każ huwa dokument allegatament maħruġ fis-16 ta' Novembru, 2021 fejn qed jinforma li l-attur ser ikun intitolat għall-pensjoni fid-29 ta' Awwissu, 2023. L-attur esibixxa dak id-dokument fil-25 ta' Novembru, 2021. L-ebda dokument ieħor dwar il-pensjoni mill-Ingilterra ma esebixxa quddiem l-Ewwel Qorti.

37. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi kien jinkombi fuq l-attur li jressaq l-aqwa prova dwar il-pensjoni tal-irtirar mir-Renju Unit li skont l-appellant jgħid li beda jirċievi mis-sena 2023 fil-mori ta' din il-kawża. Dak li naqas milli jagħmel quddiem l-Ewwel Qorti, l-attur issa appellant, qed jipprova jagħmlu f'dan l-istadju tat-tieni grad bi ksur tar-regoli tal-proċedura.

38. Kif rajna, mar-rikors tal-appell, l-appellant annetta żewġ dokumenti, wieħed minnhom fotokopja ta' ittra allegatament maħruġa mill-International Pension Centre ta' Newcastle Upon Tyne fir-Renju Unit datata 2 ta' Frar, 2024 (Dok. JK1) kważi sena qabel ma' din il-kawża ġiet deċiża mill-Ewwel Qorti.

39. L-appellant jargumenta fir-rikors tal-appell tiegħu li ma setax jippreżenta dan id-dokument għaliex meta ġie f'idejh il-kawża kienet ġa differita għas-sentenza. Fir-rikors li ppreżenta fis-7 ta' Mejju, 2025 l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex "tawtorizza dawn id-dokumenti fl-atti għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 150(1)(b)(d)" tal-Kap. 12. Jerġa' jirrepeti illi dawn id-dokumenti "huwa rċevihom wara li l-kawża kienet ġa ġiet imħollija għas-sentenza". Jargumenta illi jkun utili li dawn id-dokumenti jkunu fl-atti peress li l-Ewwel Qorti "għamlet osservazzjoni fis-sentenza li l-esponent ma kien ippreżenta ebda prova dwar il-pensjoni tiegħu tar-Renju Unit". Jissottometti li din il-Qorti għandha tħalli dawn id-

dokumenti fl-atti peress li sal-mument li l-istadju tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti ġie dikjarat magħluq dawn id-dokumenti ma kinux għadhom f'idejh.

40. Qabel mal-**Artikolu 145 tal-Kap. 12** ġie emendat fl-2021, kienet ġa ġurisprudenza li għalkemm il-kodiċi tal-proċedura kien jippermetti li provi dokumentarji ġodda setgħu jiġu ppreżentati mar-rikors, risposta u replika fl-appell, din il-Qorti ma tieħux konjizzjoni tagħhom kemm-il darba min jippreżenthom ma jurix għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li tali dokumenti ma kinux disponibbli u allura mhux produċibbli quddiem il-Qorti tal-ewwel grad (ara ***Olive Gardens Investments Ltd. v. Salvu Farrugia et***. - Appell Superjuri - 28 ta' April, 2014). Fi kwalunkwe każ il-pożizzjoni llum hija aktar ċara għaliex **Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, kif emendat b'Att XXXII tal-2021, jiprojbixxi li dokumenti ġodda jiġu ppreżentati mar-rikors tal-appell, tweġiba jew replika "**ħlief bl-awtorizzazzjoni tal-qorti**".

41. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li t-talba tal-appellant għall-produzzjoni ta' provi dokumentarji ġodda f'dan l-istadju ma hix siewja.

42. Sa fejn ir-rikors huwa msejjes fuq l-Artikolu 150(1)(d), huwa minnu li kien fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2024 meta l-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Ottubru, 2024 b'termini għall-

preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet finali.[1] Imma huwa daqstant ieħor minnu li kien biss ftit jiem wara l-24 ta' Jannar 2024 li l-appellant allegatament irċieva dak id-dokument mill-Ingilterra u li xejn ma żammu milli jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex jesebieh u jekk meħtieġ iressaq provi dwaru.

43. Jirriżulta wkoll mill-atti li l-attur ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fil-5 ta' Awwissu, 2024 minflok fit-terminu lilu mogħti sal-25 ta' April, 2024. Ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex f'dawk ix-xhur kollha ma talabx il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex jippreżenta prova dokumentarja ġdida li ma kinitx fil-pussess tiegħu qabel. Ladarba jirriżulta li fiż-żmien li jmiss l-appellant kien jaf biż-żewġ dokumenti u naqas milli jutilizza l-mezzi mogħtija mil-liġi, ir-rikors għall-produzzjoni tad-dokumenti sa fejn imsejjes fuq l-**Artikolu 150(1)(d)** mhuwiex siewi.

44. L-appellant jargumenta wkoll li jkun utili fit-termini tal-**Artikolu 150(1)(b) tal-Kap. 12** li dawn id-dokumenti jiġu esibiti f'dan l-istadju peress li l-Ewwel Qorti kienet irrimarkat li l-attur naqas milli jġib il-prova dwar xi dħul kellu mill-pensjoni mill-Ingilterra. Dan ir-raġunament tal-appellant huwa wkoll bla siwi. L-**Artikolu 150(1)(b)** ma kienx maħsub sabiex jagħti lill-appellanti l-mezz kif jissanzjonaw in-nuqqasijiet tagħhom quddiem il-qrati tal-ewwel grad. Kieku kien hekk, il-prinċipju tal-eżami

[1] Verbal *a fol.* 946

doppju bil-mezz tal-appell jiġi serjament imnaqqas. Il-ħtieġa jew l-utilità msemmija fis-**subinċiż (1)(b)** trid tkun inħolqot fl-istadju tal-appell u mhux qabel (ara ***Salvu Busuttil v. Veneranda Busuttil*** - Appell Superjuri - 27 ta' Frar, 1985; ***Wintrade Limited v. Aparthotels Limited*** - Appell Superjuri - 30 ta' Settembru, 2016).

45. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għala għandha tippermetti l-produzzjoni ta' provi dokumentarji ġodda f'dan l-istadju, meta jirriżulta kjarament illi l-utilità u l-ħtieġa ta' dawn id-dokumenti kienet ġa hemm meta l-atti kienu għadhom quddiem il-qorti tal-ewwel grad.

46. Issib għalhekk it-talba tal-appellant imressqa bir-rikors tas-7 ta' Mejju, 2025 bħala mhix siewja u qed tiċħadha. Konsegwentement mhix ser tieħu konjizzjoni taż-żewġ dokumenti annessi mar-rikors tal-appell u qed tordna li jiġu sfilzati mill-atti.

47. L-Ewwel Qorti qieset li l-attur ma ppruvax sodisfaċentement x'kien id-dħul attwali tiegħu. Ikkunsidrat li għalkemm ressaq il-prova li sew minn Malta kif ukoll minn Slovakkja huwa kien qed jirċievi l-pensjoni tal-irtirar, ma ressaqx prova dwar pensjoni li qed jirċievi pensjoni tal-irtirar mir-Renju Unit fejn ukoll ħadem bħala kirurgu. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti.

48. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-sena 2020 u l-allegazzjoni tal-attur, mhux sodisfaċentement ippruvata, kienet li beda jirċievi l-pensjoni tal-irtirar mir-Renju Unit erba' snin wara. L-attur jgħix ġewwa r-Renju Unit. Kien jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova sodisfaċentement li għalkemm fis-sena 2020 kien qed jirrisjedi ġewwa r-Renju Unit u kien baqagħlu erba' snin sabiex jikkwalifika għall-pensjoni tal-irtirar f'dak il-pajjiż, ma kienx qed jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' kirurgu u/jew attività lavorattiva oħra.

49. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti marbut mad-dħul tal-attur appellant.

50. Għalhekk tiċħad l-aggravju sa fejn marbut mal-mezzi tal-attur appellant.

51. Dwar l-aggravju relattiv għall-mezzi tal-appellata li jorbot mal-bżonnijiet tagħha, tajjeb naraw x'kienet qalet il-Qorti fis-sentenza tal-2009 ***Z2 v. Z1*** (24 ta' Lulju 2009) dwar id-dħul tal-appellata:

> "5. Manteniment għall-attriċi:- l-attriċi tippretendi li żewġha għandu jibqa' jmantniha. Irriżulta li għandha kwalifiki ta' beautician u fid-dar għandha salon. Qalet li l-qligħ tagħha minn dan ix-xogħol hu minimu (fol. 264). Darbtejn fil-ġimgħa tagħti lezzjonijiet (bil-lejl) f'kors ta' sbuħija, u titħallas €11.65 kull siegħa. Minn dan ix-xogħol matul is-sena 2008 kellha qligħ ta' €908.67 (fol. 295). Tirċievi wkoll l-għajnuna soċjali; "Nirċievi mingħand il-Gvern is-somma ta' mija u wieħed u sittin lira (Lm161)." (fol. 120).
>
> […]

> M'hemmx lok li l-attriċi tiddekadi mid-dritt li titlob lil żewġha milli jħallasha manteniment, u għalhekk jibqa' jseħħ id-dmir ta' manteniment li għandu l-konvenut fil-konfront ta' martu (**Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili**)
>
> [...]
>
> Il-qorti tqis li l-attriċi għandha l-kwalifiki meħtieġa sabiex ikollha dħul li bih tmantni lilha nnifisha. Il-qorti tifhem li l-prijorità tal-attriċi hi li tagħti trobbija b'saħħitha lil bintha. Però b'daqshekk ma jfissirx li ma tistax tiddedika ċertu ammont ta' sigħat kull ġimgha għal xogħol bi qligħ. Jekk taghmel hekk ma jfissirx li tkun qiegħda tittraskura jew tonqos lil bintha, u l-qorti temmen li għandha l-ħin biex tagħmel hekk. Inoltre, l-attriċi għadha żgħira fl-età. Min-naħa l-oħra l-qorti m'hijiex konvinta li l-attriċi għandha d-dħul li qiegħed isostni l-konvenut. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tiffissa manteniment ta' mitejn ewro (€200) kull xahar."

52. Kif inżamm fis-sentenza ***Catherine Mifsud v. Louis Mifsud*** mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2013: "*Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta hemm il-bżonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodiċi Ċivili jgĦid li l-manteniment ikun dovut skont il-bżonn ta' min qed jitolbu)*." Naturalment min għandu dħul adegwat jew il-potenzjal lavorattiv li jkollu dħul adegwat ma jistax jitqies li għandu bżonn ta' manteniment mingħand il-konjuġi. Jekk dan l-element jiġi nieqes da parti ta' min qed jirċievi l-manteniment, dik il-persuna ma tibqax intitolata għal manteniment (ara ***Philip Camilleri v. Rose Camilleri*** - Appell Superjuri - 5 ta' Diċembru, 2014).

53. Mis-sentenza tal-2009 għaddew sittax-il sena. L-attur illum għandu sitta u sittin (66) sena filwaqt li l-konvenuta għandha tmienja u erbgħin (48) sena. Bint il-partijiet llum għandha 'l fuq minn tlieta u għoxrin (23) sena.

54. Sabiex talba għall-varjazzjoni fil-ħlas ta' manteniment tkun fondata huwa meħtieġ li jiġi muri li kien hemm riduzzjoni fil-mezzi tal-pagatur tal-manteniment jew żieda fil-mezzi tar-riċevitur tal-manteniment u allura riduzzjoni fil-bżonn. Ma humiex kundizzjonijiet kumulattivi. Biżżejjed li attur f'kawża ta' din ix-xorta jipprova sodisfaċentement waħda minnhom.

55. Minn qari tas-sentenza tal-2009 huwa evidenti li r-raġunament tal-Qorti dakinhar kien li l-konvenuta appellata kellha l-kapaċità li taħdem u tiġġenera biżżejjed dħul għall-ħtiġijiet tagħha. L-unika raġuni li akkordatilha €200 manteniment fix-xahar kien il-fatt li bint il-partijiet kienet għadha ta' età tenera ħafna ta' circa tmien (8) snin u li għalhekk kienet tirrikjedi ħafna attenzjoni u kura li ma kinux jippermettu lil ommha li tagħti l-massimu tagħha għall-ħajja lavorattiva barra d-dar.

56. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset li "l-attur ma rnexxilux iġib prova li tali xogħol ta' estetista tal-attriċi mar tant 'il quddiem mid-data tad-deċiżjoni ta' separazzjoni personali li dan jista' jwassal għal bdil fiċ-ċirkostanzi tagħha".

57. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali kunsiderazzjoni.

58. Bħala punt ta' tluq, hija regola ġenerali tad-dritt probatorju li l-oneru tal-prova ta' fatt huwa dejjem fuq min jallegah u li l-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi.[2]

59. Hija ġurisprudenza li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kemm fuq il-konvenut, in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Jekk il-parti attriċi tonqos li tipprova kif imiss il-premessi tat-talbiet tagħha, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara ***Hans J. Link et. v. Raymond Mercieca*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2001). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea et*** deċiża mill-Prim'Awla fis-26 ta' Settembru, 2013;

[2] **Art. 559** u **Art. 562, Kap. 12**.

***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju, 2010).

60. Il-premessa tal-attur dwar l-allegat bdil fiċ-ċirkostanzi tal-konvenuta marbut mad-dħul tagħha hija msejsa fuq stat ta' fatt marbut mal-età ta' bint il-partijiet. Jargumenta li fis-sentenza tal-2009 il-Qorti akkordat lill-konvenuta €200 fix-xahar mhux għaliex ma kenitx kapaċi taħdem u tiġġenera dħul biżżejjed għall-għajxien tagħha, imma għaliex kienet qed trabbi bint il-partijiet li kien għad għandha tmien (8) snin. Jargumenta li ġaladarba bint il-partijiet illum għandha 'il fuq minn tlieta u għoxrin (23) sena, il-konvenuta ma għandha l-ebda xkiel sabiex issib xogħol li jirrendilha dħul adegwat. L-appellata mill-banda l-oħra tgħid li ma tistax taħdem kemm trid għaliex tbati b'kundizzjoni delibitanti f'daharha.

61. Dwar dan l-aspett tal-vertenza l-Ewwel Qorti tefgħet il-piż tal-prova kollu fuq l-attur. Irraġunat illi sabiex jirnexxi fit-talba tiegħu l-attur kien jeħtieġlu li jipprova għas-sodisfazzjoni tagħha li d-dħul tal-konvenuta mix-xogħol ta' estetista tagħha kien mar ħafna 'l quddiem mis-sena 2009. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti huwa raġunament żbaljat.

62. Kif rajna s-sentenza tal-2009 akkordat manteniment lill-konvenuta unikament minħabba li, għalkemm kienet kapaċi taħdem u tiġġenera biżżejjed dħul għall-ħtiġijiet tagħha, il-ħin għaliha disponibbli sabiex

toħroġ mid-dar sabiex taħdem kien ristrett bit-trobbija tat-tifla minuri. F'dawn iċ-ċirkostanzi kull ma kellu jagħmel l-attur huwa li jġib il-prova li bint il-partijiet laħqet età li ma hix aktar ta' xkiel fuq il-konvenuta li jkollha impjieg *full-time*. Din il-prova l-attur għamilha.

63. Id-difiża primarja tal-appellata hija li għalkemm bintha hija llum maġġorenni, xorta waħda hija ristretta fil-ħidma tagħha minħabba kundizzjoni medika f'daharha. Dwar tali allegazzjoni l-oneru tal-prova jaqa' unikament fuq il-konvenuta. Jekk verament il-konvenuta ma tistax tagħti l-massimu tagħha fil-*beauty salon* li tiġġestixxi, kien l-oneru tagħha li ġġib l-aħjar prova fiċ-ċirkostanzi. Minn dan kollu kulma għamlet huwa li ppreżentat ċertifikat mediku ta' ftit linji, ċertifikat li kif rajna ma hux ikkonfermat bil-ġurament filwaqt li t-tabib li allegatament iffirmah ma tressaqx jixhed. Naqset ukoll il-konvenuta milli titlob in-nomina ta' espert mediku sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tagħha u f'każ affermattiv jekk tali kundizzjoni hix ta' debilità fil-potenzjal lavorattiv tal-konvenuta li għadha ħafna snin 'il bogħod mill-età tal-irtirar. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kien nuqqas fatali da parti tal-konvenuta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx inkonsiderazzjoni.

64. Bl-istess mod kif l-Ewwel Qorti korrettement skartat dokument mhux awtentikat ippreżentat mill-attur, hekk ukoll kellha tiskarta ċertifikat mediku mhux maħluf. In-nuqqas li t-tabib ittella' jixhed irrenda dak id-

dokument bla valur probatorju filwaqt li ċaħħad lill-attur milli jikkuntrasta x-xhieda tiegħu b'kontroeżami.

65. B'differenza mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfaċentement illi b'differenza għal dik li kienet is-sitwazzjoni fis-sena 2009, llum il-ġurnata l-konvenuta kapaċi tiġġenera dħul adegwat għall-bżonnijiet tagħha u li għalhekk jirriżultaw l-estremi kontemplati fl-**Artikolu 54 (9) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex din il-Qorti tordna li l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta jitwaqqaf.

66. Tilqa' għalhekk l-aggravju marbut mal-ħtiġijiet u l-mezzi tal-konvenuta appellata.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti,

1. Tiċħad ir-rikors tal-appellant tas-7 ta' Mejju, 2025 dwar dokumenti ġodda fl-istadju tal-appell;

2. Tilqa' r-rikors tal-appell tal-attur appellant tas-26 ta' Frar, 2025 u tħassar is-sentenza appellata fl-ismiijiet premessi tal-31 ta' Jannar, 2025;

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

4. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba.

5. B'applikazzjoni tal-**Artikolu 54 (9) tal-Kodiċi Ċivili**, tordna li l-manteniment ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar li l-attur ġie ordnat li jħallas lill-konvenuta bis-saħħa tas-sentenza ***Z2 v. Z1*** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) fl-24 ta' Lulju, 2009, jieqaf b'effett mill-31 ta' Jannar, 2025, id-data tas-sentenza appellata.

6. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, nofs a karigu tal-attur appellant u nofs a karigu tal-konvenuta appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss